MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' April, 2015

Numru. 356/2015

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlos Cordina;**
**Spettur Jason Francis Sultana**

**VS**

**David Vella detentur tal-karta tal-identita' numru 345478M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **David Vella** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-2 ta' April, 2015 ghall-habta ta' 01.30hrs, gewwa l-Gzira u gewwa dawn il-Gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu, jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja taht dan l-Att, u cioe' pistol bla numru tar-registrazzjoni;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, spara arma tan-nar f'distanza ta' anqas minn mitejn (200) metru minn toroq pricipali jew zona abitata ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm arma tan-nar, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala persuna li gie fil-pussess tal-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas minnufih jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Magistrat Dr Anthony Vella LL.D.,) b'digriet moghti nhar l-24 ta' Frar, 2015 li bih huwa nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jaghmilx reat u b'depozitu ta' elf Ewro (€1,000) u garanzija personali ta' erbat elef Ewro (€4,000), bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli b'hekk irrenda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset illi Vella wiegeb illi kien hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, u dan wara li l-Qorti tatu zmien xieraq sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni qieghda ssib lill-imsemmi David Vella hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikolu 5, 41, 51, u 52 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikoli 49, 50, u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah piena karcerarja ta' sitt (6) xhur habs effettivi;
Tordna wkoll ir-revoka tal-liberta' provizorja kif riflessa fid-digriet Lilha ezebit.

Tordna wkoll il-konfiska tal-arma formalment ezebita.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------